**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 9 ta' April 2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Lydon Zammit)**

**(Spettur Stephen Gulia)**

**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**Vs**

**FRANKIE PACE**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Frankie Pace** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 319679M, fejn gie akkuzat talli:

1. Talli nhar l-1 ta' Marzu 2021 ghal ħabta ta' bejn is-07:00Hrs u s-13:00Hrs minn ġewwa r-residenza 56, Triq il-Qaliet, Marsaskala ikkommetta serq ta' apparat fotografiku, gojjellerija u flus kontanti

ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), bil-lok u li sar ghad-dannu ta' Josanne (Josephine Anne) Caruana u/jew ta'xi persuna/i ohra u/jew entitajiet oħra.

2. Talli nhar l-4 ta' Marzu 2021 ghal ħabta ta' bejn is-14:00Hrs u l-16:00Hrs ta' wara nofsinhar minn ġewwa r-residenza 26, Triq Kent, Fgura ikkommetta serq ta' gojjellerija u flus kontanti ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), bil-lok u li sar ghad-dannu ta' Henry Scicluna u/jew Mary Scicluna u/jew ta'xi persuna/i ohra u/jew entitajiet oħra.

3. Talli nhar is-17 ta' Marzu 2021 ghal ħabta ta' bejn l-10:30Hrs u l-16:30Hrs minn ġewwa r-residenza 77, Triq Luqa Briffa, Zejtun ikkommetta serq ta' gojjellerija, flus kontanti u ogetti ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), bil-lok u li sar ghad-dannu ta' Tereza Busuttil u/jew ta'xi persuna/i ohra u/jew entitajiet oħra.

4. U aktar talli fit-2 t'April 2021 ghal habta ta' bejn is-19:15Hrs u 19:45 Hrs ta' filghaxija bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq minn fuq il-persuna ta' Lady-Anne Lamique liema serq kkwalifikat,bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37) u bil-hin u li wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minħabba xi ħaga indipendenti u accidentali mil-volonta tiegħu u dan ghad-dannu ta' l-istess Lady-Anne Lamique u/jew ta'xi persuna/i ohra u/jew entitajiet oħra.

5. Nakkuzawh talli fl-1 t'April 2021 għal ħabta ta' bejn 22:30Hrs u 23:00Hrs ġewwa Triq il-Karmnu, Fgura kkometta serq ta' flus kontanti minn fuq il-persuna ta' Ma Victoria Pacamarra Ayon Ayon liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-ħin u li sar għad-dannu ta' l-istess Ma Victoria Pacamarra Ayon Ayon u u/jew ta' xi persuna/i oħra.

6. U aktar talli fit-28 ta' Marzu 2021 ghal habta ta' bejn is-01:30Hrs u 02:15 Hrs ta' filghodu minn gewwa il-garaxx sitwat gewwa Triq il-genista, Kalkara bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq kkwalifikat,bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), bil-hin u li wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minħabba xi ħaga indipendenti u accidentali mil-volonta tiegħu u dan ghad-dannu ta' Arthur Farrugia u/jew ta'xi persuna/i ohra u/jew entitajiet oħra.

7. U aktar talli nhar it-27 ta' Marzu 2021 ghal ħabta ta' bejn id-21:30Hrs u l-22:15Hrs ta' wara filghaxija minn ġewwa l-istabiliment bl-isem ta' "Il Bacino" li huwa sitwat gewwa Xatt ir-Rizq, Birgu ikkommetta serq ta' fliexken tax-xorb alkaholiku, ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), bil-hin u li sar ghad-dannu ta' Mark Anthony Tabone u/jew ta'xi persuna/i ohra u/jew entitajiet oħra.

8. U aktar talli fil-25 ta' Marzu 2021 ghal habta ta' bejn it-15:00Hrs u 16:30 Hrs ta' wara nofsinhar minn gewwa garaxx sitwat gewwa Triq il-genista, Kalkara ikkommetta serq ta' oggetti ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin

centezmu (€2329.37) u li sar ghad-dannu ta' Arthur Farrugia u/jew ta'xi persuna/i ohra u/jew entitajiet oħra.

9. Talli bejn it-18 ta' Marzu 2021 u l-21 ta' Marzu 2021 minn ġewwa r-residenza 87, Triq l-iskola, Zabbar ikkommetta serq ta' gojjellerija ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), bil-lok u li sar ghad-dannu ta' Lee Barun u/jew ta'xi persuna/i ohra u/jew entitajiet oħra.

10. U aktar talli fl-4 ta' Marzu 2021 ghal habta ta' bejn is-14:30Hrs u 15:30 Hrs ta' wara nofsinhar minn gewwa r-residenza 50, Virgo, Triq il-Koppla, Fgura bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq kkwalifikat,bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), bil-lok u li wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minħabba xi ħaga indipendenti u accidentali mil-volonta tiegħu u dan ghad-dannu ta' Anthony Micallef u/jew ta'xi persuna/i ohra u/jew entitajiet oħra.

11. Talli bejn id-9 ta' Frar 2021 u it-12 ta' Frar 2021 minn ġewwa r-residenza 42, Triq il-Knisja, Paola ikkommetta serq ta' flus kontanti ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), bil-lok u li sar ghad-dannu ta' Rita Curmi u/jew ta'xi persuna/i ohra u/jew entitajiet oħra.

12. U aktar talli ksirt il-provediment tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mahruga mill-Magistrat Dr C. Galea LL.D nhar l-14 ta' Mejju 2018;

13. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkustanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi moghtija fil-konfront tieghu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta għas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset sew l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Ikkundisrat;**

**Illi in tema ta' piena din il-Qorti qed tqis l-ammisjoni bikrija tal-imputat, l-ammissjoni tieghu fl-istqarrija u l-koperazzjoni assoluta tieghu mal-investigaturi, il-kondotta tieghu li hija wahda refrattarja, il-fatt li huwa recidiv, u il-fatt, kif imressaq fis-sottomissjonijiet orali fl-udejnza tallum stess, illi l-imputat huwa afflitt mill-problema tal-konsum tad-droga. Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha qed jigu riflessi fil-piena ikkontemplata.**

**KONKLUZJONI.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 17, 31, 49, 50, 41(1)(A), 261(a)(b)(c)(e)(f), 262(1)(a)(b)(2), 263(a)(b), 267, 269(g), 270, 275, 277(b), 278(3), 279(b), 280(2) u 289 tal-Kapitolu 9 u Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati bhala recidiv, fuq ammissjoni tieghu stess, tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu – u qed titratta mieghu ukoll ghall-ksur tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 skond l-imputazzjoni numru (12) - u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` sebgha (7) snin u disgha (9) xhur prigunerija.**

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur